**MINUTI** **IT-TMIEN LEĠISLATURA**

**Laqgħa tal-Kunsill Lokali ĦAL QORMI**

**Laqgħa Numru 36**

Il-Kunsill Lokali ltaqa' nhar it-Tlieta, 2 ta' Novembru 2021, fl-uffiċċju tal-Kunsill Lokali u permezz ta' *video conferencing*.

**PREŻENTI:**

Dr Josef Masini Vento –Sindku
Donnha Barbara – Viċi Sindku
Jerome Caruana Cilia - Kunsillier *(online)*
Ralph Puli – Kunsillier *(online)*
Carmelo Cuschieri – Kunsillier
Marvin Zammit – Kunsillier
Dr Sean Apap Meli – Kunsillier *(online)*
Martina Grech – Kunsillier *(online)*
Abigail Sammut – Kunsillier *(online)*

**ASSENTI b'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 17A (3):**

Daniel Ablett – Kunsillier *(online)*
George Muscat – Kunsillier

**UFFIĊJAL PREŻENTI:**

Karen Camilleri – Segretarju Eżekuttiv

**Is-Sindku Dr Josef Masini Vento** ppresieda l-laqgħa.

**Minuti**

**36.1 Approvazzjoni ta' Minuti**

**36.1.1 Approvazzjoni ta' Minuti Nru 34**

**Is-Sindku Dr Josef Masini Vento** ppreżenta l-Minuti ta' Seduta 34, li kienu ċċirkulati lill-membri permezz ta' korrispondenza elettronika, għall-approvazzjoni.

**Il-Viċi Sindku Donnha Barbara** ssekondat

Il-Minuti għal Seduta Nru 34 ġew approvati b'mod unanimu.

**36.1.2 Approvazzjoni ta' Minuti Nru 35**

**Is-Sindku Dr Josef Masini Vento** ppreżenta l-Minuti ta' Seduta 34, li kienu ċċirkulati lill-membri permezz ta' korrispondenza elettronika, għall-approvazzjoni.

**Il-Viċi Sindku Donnha Barbara** ssekondat

Il-Minuti għal Seduta Nru 35 ġew approvati b'mod unanimu

**36.2 Skeda ta' Ħlasijiet**

**Is-Segretarju Eżekuttiv** poġġiet fuq il-mejda l-iSkeda ta' Ħlasijiet għax-xahar ta' Ottubru 2021.

**Il-Viċi Sindku Donnha Barbara** pproponiet l-approvazzjoni tal-ħlasijiet.

**Il-Kunsillier Carmel Cuschieri** issekonda**.**

Il-Kunsill approva b'mod unanimu l-iskeda ta' Ħlasijiet

**36.3 Mozzjonijiet**

**36.3.1 Mozzjoni Nru 92 imressqa mis-Sindku Dr Josef Masini Vento**

Qed nirreferi għall-passaġġ ta' wara l-fabbrika tan-Nylon Knitting li jinsab bejn Triq l-Imdina u Triq Manwel Dimech. Illi dan il-passaġġ hekk kif jidher mill-anness dokument huwa fi stat perikoluż u fi stat diżastruż.

Għalhekk qed nipproponi li dan il-passaġġ għandu jiġi rranġat u jgħaddu d-dawl minnu u jiġu nstallati cameras mill-aktar fis.

**Il-Viċi Sindku Donnha Barbara** ssekondat il-mozzjoni.

**Il-Kunsillier Jerome Caruana Cilia** ġibed l-attenzjoni dwar il-kamra li tinsab fuq l-art wara l-klabb tal-boċċi. Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat li sar rapport lill-Pulizija. Il-Kunsillier Jerome Caruana Cilia ppropona li jekk isiru cameras, dawn jgħinu sabiex jinqatgħu bosta abbużi.

**Ivvutaw Favur disa' Kunsilliera (9) preżenti. Ħadd (0) ma vvota kontra u ma kien hemm l-ebda Astensjoni**.

**Il-mozzjoni ġiet approvata.**

36.3.2 **Mozzjoni Nru 93 imressqa mill-Kunsillier Carmelo Cuschieri**

Il-Kunsill Lokali huwa kommess li jagħti rikonoxximent lil min għamel ġieħ lil Ħal Qormi.
Nipproponi li l-Kunsill Lokali Qormi jsemmi Triq Anici (mill-ispiżerija li ġġib l-isem Anici Pharmacy lejn Triq il-Vitorja), għat-tabib, politiku u Aġent President tar-Repubblika, il-mibki Dr George Hyzler.

**Il-Kunsillier Ralph Puli** ssekonda.

**Il-Kunsillier Marvin Zammit** ġibed l-attenzjoni dwar il-kwistjoni li ma tinħoloqx diffikulta' lir-residenti dwar it-tibdil meħtieġ mal-entitajiet.

**Il-Kunsillier Ralph Puli** spjega li l-Elettorat qed jagħmel eżerċizzju ta' door numbering u tismija ta' toroq f'bosta lokalitajiet.

**Is-Sindku Dr Josef Masini Vento** ppropona li Triq il-Blata (minn Triq il-Wied sa Triq il-Kbira) tissemma' Triq il-Kolleġjata.

**Ivvutaw Favur disa' Kunsilliera (9) preżenti. Ħadd (0) ma vvota kontra u ma kien hemm l-ebda Astensjoni**.

**Il-mozzjoni ġiet approvata.**

## 36.4 Komunikazzjonijiet mis-Sindku

36.4.1 **Is-Sindku Dr Josef Masini Vento** poġġa fuq il-mejda l-ittra ta' riżenja ta' waħda mill-impjegati li kellu l-Kunsill Lokali. Is-Sindku rrimarka li l-Kunsill tilef asset fil-ħidma tiegħu għaliex kienet impjegata eżemplari u metikoluża ħafna f'xogħlha.

36.4.2 **Is-Sindku Dr Josef Masini Vento** qal li f'dan l-istadju l-Kunsill għandu joħroġ sejħa għall-impjegat fi skala 15. Il-Kusnill approva li tinħareġ sejħa.

36.4.3 **Is-Sindku Dr Josef Masini Vento** nfurma li se jkun hemm il-ħtieġa li waħda mill-impjegati tingħata l-aċċess tal-internet banking, sabiex ikun possibli li jitkompla x-xogħol. Il-Kunsill approva li l-impjegata tingħata aċċess għall-internet banking.

36.4.4 **Is-Sindku Dr Josef Masini Vento** fakkar lill-membri fl-attivita' tal-Ħadd, 7 ta' Novembru, fejn se jkun qed isir it-tqassim tal-boroż ta' San Martin, quddiem il-Knejjes parrokkjali, fid-9,00a.m. u fl-10.30a.m.

36.4.5 **Is-Sindku Dr Josef Masini Vento** ppreżenta l-proposta għad-Dielja Ħarġa Diċembru 2021 (dok anness). Ġie maqbul li jinżamm is-set up A3 u se tkun qed titqassam f'kull residenza. Infurma lill-kunsilliera sabiex jippreparaw artiklu ta' mhux aktar minn 350 kelma.

36.4.6 **Is-Sindku Dr Josef Masini Vento** nfurma li l-Ministeru għall-Akkomodazzjoni se jiffinanzja € 250,000 għat-tisbiħ ta' Ġnien De La Cruz u għaldaqstant il-Kunsill se jkun obbligat jivvota s-somma ta' € 100,000 mill-Urban Development Funds, sabiex ikun possibli li jsir dan il-proġett. Is-Sindku Dr Josef Masini Vento spjega li l-istima oriġinali għal dan il-proġett kienet ta' € 1.2Million, iżda minħabba restrizzjonijiet finanzjarji l-Kunsill se jkun obbligat li joħloq proġett bil-fondi available.

36.4.7 **Il-Kunsillier Ralph Puli** ġibed l-attenzjoni dwar l-importanza li l-Kunsill ma jikkommettix ruħu, meta l-art mhux devoluta lill-Kunsill. Is-Sindku qal li l-Kunsill huwa legalment marbut li jżomm fi stat tajjeb il-manutenzjoni ta' playgrounds tat-tfal u ġonna pubbliċi u jekk hemm min irid itellef lill-poplu qormi proġett ta' €350,000, jirrispondi hu għal dan.

36.4.8 **Is-Sindku Dr Josef Masini Vento** semma l-kwistjoni tal-art wara l-monument tal-Gwerra, li għandha bżonn tiġi upgraded kif xieraq minn min hu responsabbli għaliex hemm periklu kontinwu għal kull min jgħaddi minn din iż-zona.

36.4.9 **Is-Sindku Dr Josef Masini Vento** qal li l-Kunsill għandu jibgħat komunikat uffiċjali lil Sports Malta u lid-Dipartiment tal-Artijiet li jekk din l-art tingħata lill-Kunsill għandha tingħata fl-aħjar stat, għaliex il-Kunsill m'għandux il-finanzji sabiex jagħmel manutenzjoni tal-ħsarat. Is-Sindku qal li jekk ma jkunx hemm risposta minn min hu konċernat, se tintbagħat korrispondenza lir-residenti u tiġi organizza Konferenza Stampa.

36.4.10 **Is-Sindku Dr Josef Masini Vento** nfurma li l-Kunsill irċieva ittra 'Mingħajr preġudizzju' mill-Ministeru għall-Ħarsien tal-Annimali, għaliex id-dog park għadu ma nbediex.

36.4.11 **Il-Kunsillier Martina Grech** qalet li l-Kunsill kellu jara li l-art kienet tal-Kunsill u mhux issottometta proġett fuq art mhux tiegħu u kellha tintervjeni hi biex il-Kunsill ma jitlifx il-fondi.

36.4.12 **Is-Segretarju Eżekuttiv** infurmat li l-Kunsill Lokali ilu għal dawn l-aħħar 15-il sena jieħu ħsieb iż-żamma fi stat tajjeb u tindif adegwat ta' din l-art, a spejjeż tiegħu u qatt mill-Awtorita' tal-Artijiet ma kellem lill-Kunsill Lokali dwar dan. Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li mhux sew li l-Kunsill Lokali ilu għal dawn is-snin kollha jneħħi kull xorta ta' ħmieġ minn ġo din l-art, a spejjeż tiegħu, u issa, għax ried jagħmel proġett ġie mwaqqaf mill-Ministeru. Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat li t-talba għad-devoluzzjoni ilha ppreżentatha sena u nofs u qatt ma waqqaf tali talba.

**Is-Sindku Dr Josef Masini Vento** ppreżenta l-pubblikazzjoni tal-Ministeru

**36.4.13** għall-Infrastruttura u Proġetti Kapitali dwar il-proġett ambizzjuż tal-Metro. Is-Sindku ppropona li tinħareġ stqarrija jfaħħar dan il-proġett tal-Metro u li l-Kunsill jaqbel mal-kunċett.

### 36.5 Laqgħa tal-Lokalita 2021

Is-Segretarju Eżekuttiv nfurmat li bil-liġi l-Kunsill huwa marbut li jorganizza l-laqgħa tal-lokalita', sa mhux aktar tard mill-15 ta' Diċembru.

Is-Sindku Dr Josef Masini Vento ppropona li l-laqgħa tinżamm nhar it-Tlieta 30 ta' Novembru 2021, fis-6.30p.m. fis-sala tas-Soċjeta' Filarmonika Pinto.

Il-Kunsill approva unanimament.

### 36.6 Komunikazzjonijiet mill-Kunsilliera

Il-Kunsillier Marvin Zammit ippropona li bħala proġett għall-iskema ta' Aċċessibilita' u mobilita' jiġu ppreżentati s-sottomissjonijiet tal-Kumitat għall-aċċessibilita'. Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat li s-sottomissjonijiet ġew mgħoddija lill-Perit tal-Kunsill sabiex issir site inspection u jiġu ppreżentati l-istimi relatati.

Il-Kunsillier Dr Sean Apap Meli nfurma li fi Triq il-Kbira hemm residenza li qed terqilgħa l-kantina bl-ilma tax-xita. Il-Viċi Sindku Donnha Barbara ġibdet l-attenzjoni li dan il-każ huwa wieħed privat u r-resident għandu jara li jagħmel l-ilqugħ meħtieġ fuq l-isprall li għandu fuq il-bankina, għaleix minn hemm qed jidħol l-ilma tax-xita.

Is-Sindku nfurma li madwar 15-il ġurnata ilu, flimkien mal-Viċi Sindku, l-kunsillier Carmel Cuschieri u l-Perit tal-Kunsill sar eżerċizzju ta' identifikazzjoni dwar il-ħtieġa ta' rain water culverts fit-toroq tal-lokalita'. Is-Sindku nfurma li l-perit se tkun qed tħejji l-istimi relatati ma' dawn ix-xogħlijiet.

### 34.7 Tmiem tal-Laqgħa u data tas-seduta li jmiss

Il-laqgħa intemmet fis-7.45p.m. u ġiet aġġornata għat-**Tlieta 30 ta' Novembru 2021.**

Konfermati, illum 30 ta' Novembru 2021.

| | |
|---|---|
| **IFFIRMATI** | **IFFIRMATI** |
| Josef Masini Vento (Dr)<br>Sindku | Karen Camilleri<br>Segretarju Eżekuttiv |